# Għeluq il-Mitt Sena mit-Twelid tal-Kav. Guże' Muscat Azzopardi

*Ta'* Ġuże Galea

IT-TIFKIRA ta' għeluq il-mitt sena mit-twelid tal-Kavalier Ġużè Muscat Azzopardi saret f'Settembru li għadda ħabta ta' jum ir-Rebħa. Kien ħsieb għaqli dak li jfakkru flimkien isem dan il-persunaġġ Malti mar-rebħa ta' Malta fuq l-għedewwa tagħha għax l-ideal ewlieni ta' Ġużè Muscat Azzopardi kien li jara 'l Malta ħienja u rebbieħa. Jekk nistħarrġu għamil Ġużè Muscat Azzopardi, insibu li ħidmietu, xogħlu, xewqatu kellhom tir wieħed: li jgħolli u jweġġah l-ilsien tagħna. Aħna nafu li l-ilsien jiġbor ġewwa fih id-drawwiet, il-ġibdiet, il-ħajja, l-istorja u r-ruħ tan-nazzjon. Fi ftit kliem l-ilsien hu l-espressjoni l-aktar safja tan-nazzjon, u kulma jsir b'riżq ta' l-ilsien, isir għar-rebħa tan-nazzjon.

Aħna li qegħdin ngħixu f'dawn iż-żmenijiet ma tantx nistgħu nifhmu kif kienet il-qagħda ta' l-ilsien Malti mitt sena ilu. Il-lum drajna naqraw bil-Malti ġurnali u kotba serji; drajna nisimgħu l-Malti f'konversazzjonijiet soċjali, fl-Awli tal-Qorti, fil-klassijiet ta' l-Università, fil-Parlament; drajna nikkorrispondu bil-Malti mad-Dipartimenti tal-Gvern, u naqraw ċirkularijiet bil-Malti maħruġin mill-Kurja ta' l-Isqof. Iżda mitt sena ilu dan l-ilsien tagħna kien immaqdar, imżeblaħ u mwarrab, ma kienx jinstema' fejn jiltaqgħu n-nies puliti u l-kbarat; il-għorrief u n-nies tal-kultura qatt ma kien igħaddilhom minn moħħom li jiktbu bil-Malti jew li joħorġu kotba bil-Malti. L-intelliġenza kienet tistkerrah l-ilsien Malti. Hafna kienu jaħsbu li bil-Malti wieħed ma jistax ifisser dak li tixtieq il-qalb jew dak li tħoss ir-ruħ. Oħrajn intellettwalment għomja, kienu jmaqdru l-Malti, ħtija tal-mibegħda jew is-suppervja li kellhom. Imbagħad f'Ħal Qormi, nhar l-ewwel tax-xahar tal-Vittorja, jum ta' riżq għall-ilsien tagħna, twieldet tarbija u minn dak in-nhar id-destin tal-Malti nbidel. Donnu nhar it-twelid ta' dik it-tarbija kien deher Anġlu li xegħel kewkba ġdida fis-sema, u dik il-kewkba fil-milja ta' din il-mitt sena baqgħet tilma u tiddi u tagħti dawl u dija lill-ilsien tagħna.

Naħseb li qatt ma basar dak it-twajjeb Kappillan ta' Ħal Qormi li għammed dik it-tarbija u wkoll il-ġenituri tagħha qatt

ma għaddielhom minn moħħom meta ħaduha l-knisja u tawha l-isem ta' Ġużeppi, li dan għad jikber u jsir raġel għaref, għaqli u ħabrieki li b'ħiltu kellu jbiddel id-destin ta' lsien art twelidu, isawwar letteratura Maltija, jagħti xejra ġdida lix-xeħta kulturali tal-pajjiż u ismu jibqa' mweġġah u mfaħħar fl-istorja ta' Malta.

Bħall-biċċa l-kbira tat-tfal Maltin, l-aktar dawk ta' l-irħula, Ġużeppi għadda tfulitu u żgħożitu fil-qalba ta' belt twelidu madwar il-knisja. Kien dlonk jidħol fis-sagristija jitkellem malqassisin, jew jaqdi bħala abbati, jew jirraġġa ma' sħabu fuq izzuntier, u meta tfarfar u laħaq student kien jieħu sehem fl-attivitajiet tar-raħal. Dik il-ġibda għall-knisja u għal raħal twelidu li inisslet fih minn ċkunitu, baqgħet tinħass fih ukoll wara li kiber u għadda tidher f'xi wħud mill-kitba tiegħu. Hekk aħna nħossu l-influwenza tal-knisja fuq Ġużè Muscat Azzopardi, filkotba reliġjużi tiegħu Maltin u Taljani, u naraw il-ġibda tiegħu lejn Ħal Qormi fir-rumanzi tiegħu "Nazju Ellul", u "Susanna", fil-poeżija "Żewġ Nassaba" — fil-"Ħajja ta' San Ġorġ". Imma Ġużè Muscat Azzopardi ma baqax parrokkjali fi ħsibijietu, iżda dehnu u ħidmietu dlonk ħaddnu l-Gżira tagħna kollha u hu sar persunaġġ nazzjonali.

Għaliex Ġużè Muscat Azzopardi sar persunaġġ nazzjonali? Hu kien jindaħal għal bosta xogħlijiet, imma l-aktar li jissemma għall-ħidma tiegħu b'riżq il-letteratura Maltija. Infatti huwa magħruf bħala Missier il-Letteratura Maltija, u bil-ħaqq kollu hu megħoddi bħala bniedem ewlieni li qiegħed is-sisien li fuqhom inbniet il-letteratura tagħna. Għal dan biss jistħoqqlu l-ġieħ tannazzjon. Kien hemm oħrajn qablu li ħabbu l-ilsien tagħna, li kitbu bil-Malti qablu, iżda dawk kitbu bil-Malti bħala esperiment jew biex iwettqu t-teorija li l-Malti jista' jinkiteb letteralment. Nieħdu bħala eżempju lil Manwel Caruana, filologu u studjuż ta' l-ilsien tagħna. Hu kiteb rumanz sabiħ bil-Malti "Ineż Farruġ", imma dak ir-rumanz waħdani tiegħu qisu kien maħruġ bħala prova ta' dak li hu kien kiteb fuq l-istudju tiegħu dwar in-nisel tal-Malti, jiġifieri li f'idejn tajba, dan l-ilsien tagħna jaqdina f'kulma jeħtieġ.

Ġużè Muscat Azzopardi ma kitebx bil-Malti bħala prova jew esperiment, anqas ma kiteb biex iderri 'l-poplu jaqra b'dan l-ilsien imma hu kiteb bil-Malti bi skop li joħloq letteratura naz-

zjonali, u b'dan il-ħsieb ewlieni hu ħaddem il-frieghi kollha tal-letteratura: proża, poeżija, kritika, u ħareġ kotba reliġjużi, rumanzi, bijografiji, ġabriet ta' poeżija u xogħlijiet għall-palk. Ix-xogħol tiegħu kollu jingħażel għall-ġmiel, il-ħeġġa u l-qawwa tiegħu. L-awtur kellu sengħa ta' mgħallem biex joħroġ opri li jgħaxxqu u jhennu bil-benna ta' l-arti; l-istil tiegħu għalih waħdu, bosta xtaqu jimitawh, imma ħadd ma ħareġ bħalu. Ix-xogħlijiet tiegħu fihom xi ħaġa li tiġbed lill-qarrej, ittih gost, isserraħlu moħħu u tfarraġlu qalbu, u dik ix-xi ħaġa hi tiegħu waħdu u tqiegħdu f'kategorija għalih. Mhux l-opri kollha tiegħu huma klassiċi, hemm kitba ordinarja, iżda wkoll din il-kitba ordinarja għandha stil, ħeffa u ħajja li jifirduha minn oħrajn.

Fil-kitba ta' Ġużè Muscat Azzopardi nsibu dak l-element artistiku speċjali li jirrendiha differenti minn kitba ta' awturi oħrajn. Dan l-element speċjali nsibu fil-kitba tiegħu kollha. Jekk naqraw il-poeżiji tiegħu kollha minn "Saul ta' Tarsu" sa dik il-ġawhra ta' sunett "Marsaxlokk", jekk naqraw il-kotba reliġjużi tiegħu mill-"Għasar tal-Madonna" sal-"Ktieb ta' l-Evanġelju", jekk naqraw ir-rumanzi li kiteb minn "Xorti Hażina" sa "Nazju Ellul", insibu li f'kull biċċa xogħol hemm dik ix-xejra speċjali, dak l-istil waħdieni, dik il-ħrara u dik il-ħeġġa li huma mera tal-ġenju tiegħu.

Dawn il-kwalitajiet huma s-sisien li fuqhom tinbena l-letteratura u bħalma għidna, il-kitba ta' Ġużè Muscat Azzopardi ma hix nieqsa minn dawn il-kwalitajiet. Dan l-awtur għandu l-mertu li nissel għamla u sura fil-kitba bil-Malti, taha xejra u ħoloq kriterju letterarju.

Ġużè Muscat Azzopardi kien ġenju u kellu intellett kbir, imma b'daqshekk biss ma kienx iseħħlu jsawwar il-letteratura tagħna kieku ma kellux doni oħrajn: kellu d-doni ta' l-universalità u ta' l-umanità, u dawn iż-żewġ doni jidhru qishom għelm fix-xogħlijiet tiegħu kollha. Ġużè Muscat Azzopardi ma kellux bħal bosta skulari, moħħu magħluq fil-qasam ta' l-istudju tiegħu, anqas ma kien bħal bosta speċjalisti li jafu ħafna fil-fergħa tal-għerf tagħhom imma mbagħad jinsabu lura fi ħwejjeġ oħra. Hu nxteħet bil-ħrara ta' qalbu u bil-ħeġġa ta' ruħu, għal bosta xogħlijiet oħra u kollha wettaqhom bil-għaqal, fis-sengħa u bil-ħsieb u seħħlu joħroġ ta' raġel u jagħmel isem fihom ukoll.

Ġużè Muscat Azzopardi kiteb versi ta' ħlewwa li tgħaxxaq, il-poeżija tiegħu fiha leħma li tgħolliha fi sfera spiritwali. Għall-qawwa ta' l-istil, għar-ritmu ħaj, għall-ħlewwa ta' l-armonija, għall-ġmiel u għas-safa, bosta mill-versi ta' Ġużè Muscat Azzopardi jistgħu joqogħdu fil-wisa' maġenb dawk ta' poeti kbar Maltin u barranin. Isem Ġużè Muscat Azzopardi jibqa' jissemma fost il-poeti tagħna, iżda hu kiseb post ta' qima u ġieh fil-letteratura mhux biss bħala poeta, iżda wkoll bħala rumanzier u bħala kittieb ta' kotba reliġjużi.

Bħala rumanzier Ġużè Muscat Azzopardi għandu fama li ma tmut qatt. Ftit awturi Maltin saħħilhom isiru popolari bħalu. Hu ħoloq stil ġdid fir-rumanzi tiegħu: imħabba safja, patrijottiżmu sod fuq bażi storika. Il-kotba tiegħu oriġinali u ma humiex, kienu jinħatfu b'ħerqa kbira u dlonk jissemmew b'tifħir mill-qarrejja. Din il-popolarità ma ġietx nieqsa għax ir-rumanzi tiegħu għadhom sal-lum imfittxijin mill-qarrejja. Xi wħud mir-rumanzi tiegħu nqalbu f'ilsna barranin, oħrajn kienu drammatizzati u oħrajn ħarġu minnhom libretti għal opri mużikali, u hekk isem l-awtur ġie magħruf barra minn din il-Gżira.

Fil-kitba tiegħu reliġjuża Ġużè Muscat Azzopardi kellu l-appoġġ tal-Knisja. Isqfijiet u Kardinali faħħru x-xogħlijiet tiegħu; saħansitra l-Papa bagħatlu l-barka Tiegħu u żejnu b'unuri u ġieh. Il-kotba reliġjużi tiegħu fihom dik ix-xejra spiritwali u morali li tpaxxi r-ruħ u tħeġġeġ id-deħen għall-qima 'l Alla.

Ġużè Muscat Azzopardi ma kitibx bil-Malti biss, hu kien jaf tajjeb ilsna oħra u stampa poeżiji u kotba bit-Taljan. Dawn ix-xogħlijiet tiegħu f'ilsien barrani ħarġulu tant tajjeb li kien hemm min qal li kieku Muscat Azzopardi kien inxteħet għall-kitba bit-Taljan, hu kien ilaħħaq ma' l-iskritturi Taljani.

Imma Ġużè Muscat Azzopardi ma ħademx fil-qasam letterarju biss. Hu kellu l-professjoni tiegħu u bħala Prokuratur Legali kien għamel isem kbir fil-Qrati. Kien magħruf għad-difiżi qawwija tiegħu li jxejnu kull oppożizzjoni. Bil-għaqal u d-deħen tiegħu kien dlonk jeħles lill-bniedem innoċenti mill-aqwa xkiel, iżda fl-istess waqt kien jobrom lill-ħati u jwaħħlu li ħaqqu.

Barra dan Ġużè Muscat Azzopardi ndaħal ukoll għall-ħajja u s-sewwa u mbeġġel mill-ħniena u l-mogħdrija, u dan is-sistema sewwa mhux ftit biex għolla l-klassi legali f'għajnejn il-poplu, u għalhekk Ġużè Muscat Azzopardi kiseb qima u ġieh għall-

Kamra tal-Prokuraturi Legali li tagħha hu kien President għal bosta snin.

El-Università tagħna fejn Ġużè Muscat Azzopardi kien eżaminatur rett u għaref, hu kien jaf ibeġġel it-toqla ta' l-eżami bl-imġiba dħulija u bil-kelma t-tajba, u għalkemm qatt ma mexa bil-favuri hu dejjem witta fejn seta'.

Dan il-bniedem kbir u għaref kellu sens artistiku u dejjem ħabb l-arti. Bħala membru ewlieni tal-Ġunta Teatrali tal-Gvern hu sewa mhux ftit biex ingħataw dawk l-Opri mużikali kbar li minħabba fihom it-Teatru Rjal tagħna ħassel fama ma' l-Ewropa kollha. Hu ħadem biex għolla l-arti drammatika u biex daħħal fit-teatru Malti d-drawwa ta' rappreżentazzjonijiet kolossali, u indirettament kien il-mezz biex mexxa 'l quddiem il-palk Malti.

Barra dan Ġużè Muscat Azzopardi ndaħal ukoll għal ħajja pubblika. Bħala editur ta' ġurnali u perjodiċi kellu sehem fit-tiswir ta' fehmiet il-poplu u rawwem kuxjenza politika fost il-kotra. Imma mhux għalhekk biss kien miżmum fuq wiċċ l-idejn: bħala rappreżentant tal-poplu fil-Gvern, bil-għaqal u bl-irġulija kien għamel isem ta' bniedem ġust u patrijott sinċier, u l-kelma tiegħu kienet mismugħa u milqugħa mill-kbar u miż-żgħar.

Dawn il-ftit ħidmiet li semmejna jixhdu l-interessi kotrana li Ġużè Muscat Azzopardi kellu fil-ħajja. Hu qatt ma baqa' għalih, imwarrab iħares biss lejn dak li jiġri, imma kien dlonk jieħu sehem fix-xejriet u fit-tqanqiliet ta' żmienu u billi kien ġarrab ħafna hu sata' jifhem aktar xi trodd id-dinja, u nqeda b'dak it-tiġrib tiegħu biex ta sura u ħajja lill-karattri u l-ġrajjiet li kiteb fuqhom.

Imma din l-universalità ta' Ġużè Muscat Azzopardi kienet imsieħba ma' umanità kbira, u t-tnejn flimkien żejnu lil dan il-personaġġ b'doni kbar u għanuh b'karattri ġenjali. Huwa kellu xeħta kbira biex jiġbed in-nies lejh. Bniedem ferrieħi u ħanin, hu kien dlonk jifhem lil sħabu u dejjem lest biex igħin bil-kelma u bl-għamil f'kull ma jeħtieġ; kellu kelma tajba għal kulħadd, kien dħuli u jaf imur f'kull klassi tas-soċjetà. Il-popolarità tiegħu kienet imsejsa fuq sentiment ta' ħbiberija, u kull min kien ikollu x-xorti li jsir jafu u jitħabbeb miegħu, kien jibqa' jgħożż dik il-ħbiberija bħala teżor kbir.

Dan il-karattru ġenjali, imsieħeb ma' għerf u esperjenza nisslu dik ix-xejra speċjali fix-xogħol kollu ta' Ġużè Muscat Az-

zopardi, u taw nifs u ħajja u sedqa u sliem lill-opri tiegħu, u mmħabba f'hekk ismu ma jmut qatt. Il-kobor ta' Ġużè Muscat Azzopardi mhux immissel minn ġrajja li qanqlu nazzjonijiet, anqas ma hu mnissel minn għamil kiefer u ta' ħruxija li ħalla rifsa fil-ġrajja tas-snin, imma l-kobor ta' dan il-bniedem ġej mit-tixjira ta' ħlewwa, ta' għerf u ta' sedqa li taw sura speċjali lix-xogħol tiegħu kollu, imma l-aktar lill-ħidma letterarja. Dan il-kobor hu ta' fejda u fih ġmiel u hena, u jissieħeb bil-ħaqq u s-sewwa mal-kburija ta' nies li isimhom hu minqux fl-istorja.

Isem Ġużè Muscat Azzopardi ma jintesiex għax ix-xogħol tiegħu ma jintemm qatt, hu bena fuq sisien tajba u għall-futur; l-opri tiegħu huma mseddqin bil-ħajja tad-dewmien, u dan jagħżilhom minn opri oħrajn li ma kisbux isem għall-awtur tagħhom. L-opri ta' Ġużè Muscat Azzopardi fihom dak is-seħer li jirrendihom perenni u mhux l-opri tal-kitba biss fihom dan: nieħdu l-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti" li hi sintesi tal-ħidmiet, tax-xewqat u tal-fehmiet tiegħu. Ġużè Muscat Azzopardi kien wieħed mill-ewlenin li waqqfu din l-Għaqda u għal bosta snin kien President tagħha, u nissel fiha ħeġġa u ħrara u nefaħ fiha n-nifs tal-ħajja. Kien hawn bosta għaqdiet u xirkiet imwaqqfin bl-istess skop tal-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti", iżda fil-waqt li l-oħrajn mietu f'qasir il-għomor, il-"Għaqda" mħawla mid-dehen ta' Muscat Azzopardi u msoqqija mill-ħrara ta' qalbu, rabbiet l-egħruq, kibret u mxiet 'il quddiem, kienet magħrufa mill-Gvern ta' pajjiżna u akkwistat setgħa u ġieh b'riżq l-ilsien tagħna u l-letteratura Maltija.

Il-bniedem kbir iħalli opri kbar u ismu jibqa' marbut ma' ħidmietu fil-milja tas-snin. F'din is-sena, għeluq is-seklu minn twelidu, isem Ġużè Muscat Azzopardi hu miżmum fil-ġieh u fil-qima min-nazzjon tagħna, iżda jiena għandi fehma li dan il-ġieh u din il-qima aktar joktru u jiżdiedu meta ta' warajna jaslu biex jikkommemoraw għeluq il-mitt sena minn mewtu. Għax bħall-opri kollha artistiċi, ix-xogħlijiet ta' Ġużè Muscat Azzopardi aktar jiswew aktar ma jgħaddi ż-żmien. Imma barra l-opri tiegħu, tibqa' l-figura tiegħu, figura ta' bniedem kbir, sinċier, ħanin, għaref u onest, bniedem benemeritu ta' pajjiżu, u sakemm f'din l-art tagħna jibqgħu nies galantomi, nies li jħobbu 'l pajjiżhom, nies li jagħirfu s-sabiħ, il-Kavalier Ġużè Muscat Azzopardi jibqa' mbierek, imweġġah u meqjum.

